31994R2199

10.9.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 236/2

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2199/94
tad-9 ta' Settembru 1994
li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping ta' ċerti diski manjetiċi (3,5″ microdisks) li joriġinaw minn ĦongKong u mir-Repubblika tal-Korea, u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2423/88 tal-11 ta' Lulju 1988 fuq il-protezzjoni kontra importazzjoni li hi oġġett ta' *dumping* jew sussidjata min pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, mogħtija wara konsultazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv kif previst taħt ir-Regolament ta' hawn fuq,

Billi,

1 MIŻURI PROVIŻORJI

(1) Il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 534/94 [2], minn issa 'l quddiem imsejħa "ir-Regolament proviżorju", imponiet dazju proviżorju ta' *anti-dumping* fuq importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti diski manjetiċi (minn issa'l quddiem imsejħa "3,5″ microdisks") li joriġinaw f'ĦongKong u fir-Repubblika tal-Korea, u li jaqgħu taħt il-kodiċi MN ex 8523 20 90. Id-dazju ġie estiż għal perjodu masssimu ta' xahrejn mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1340/94 [3].

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(2) Wara l-imposizzjoni tad-dazju proviżorju ta' *anti-dumping*, il-Gvern ta' ĦongKong u partijiet interessati oħra li talbu għal dan ingħataw l-opportunità li jinstemgħu mill-Kummissjoni. Ċerti whud mill-partijiet ippreżentaw ukoll sottomissjonijiet bil-miktub biex biex jirreġistraw il-fehmiet tagħhom dwar dak li rriżulta. B'mod partikolari, l-awtoritajiet ta' Ħong Kong tennew ċerti fehmiet espressi f'diversi stadji tal-proċeduri.

(3) Importatur, li ma kienx ikkoopera fil-proċedura, għamel rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni wara l-introduzzjoni tad-dzaju proviżorju ta' *anti-dumping*.

(4) Wara li talbu, il-partijiet ġew infurmati dwar il-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzali li fuq il-bażi tagħhom saret l-intenzjoni li tiġi rakkomandata l-imposizzjoni tad-dazji definittivi u l-ġbir definittiv ta' ammonti ggarantiti permezz ta'dazju proviżorju. Ingħataw ukoll perjodu raġonevoli li fih jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara li dawn jiġu żvelati.

(5) Ta' min jinnota li l-produttur Komunitarju li ressaq l-ilment, RPS, Rhône-Poulenc Systems, imsemmi fil-premessa 4 (a) tar-Regolament proviżorju għandu issa jissejjaħ RPS Boeder International.

(6) Minħabba l-volum u l-kumplessità tad-data eżaminata, l-investigazzjoni ma setgħetx tiġi konkluża fiż-żmien stipulat previst fl-Artikolu 7(9)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2423/88 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament bażiku").

(7) Wara l-proċedura ta' *anti-dumping* ta' ċerti diski manjetiċi (3,5″ microdisks) li joriġinaw mill-Ġappun, mit-Taiwan u mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, minn issa 'l quddiem imsejħa "il-proċredura preċedenti", dazji definittivi ta' *anti-dumping* ġew imposti f'Ottunbru 1993 mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2861/93 [4].

1. IL-PRODOTT LI QED JIĠI KKUNSIDRAT U L-PRODOTT SIMILI

(8) Billi ma ġewx ippreżentati aktar argumenti rigward il-prodott li qed jiġi kkunsidrat u l-prodott simili, dak li rriżulta fil-premessi minn 8 sa 12 tar-Regolament proviżorju huwa kkonfermat.

1. ID-DUMPING

1. Valur normali

(9) Għall-finijiet tad-deċiżjonijiet definittivi, valur normali ġie, b'mod ġenerali, stabbilit fuq il-bażi ta'l-istess metodi bħal dawk użati biex jiġi stabbilit b'mod proviżorju d-*dumping*, wara li jitqiesu l-fatti ġodda u l-argumenti ppreżentati mill-partijiet.

[1] ĠU L 209, tat-2.8.1988, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 522/94 (ĠU L 66, ta' l-10.3.1994, p. 10).
[2] ĠU L 68, tal-11.3.1994, p. 5.
[3] ĠU L 146, tal-11.6.1994, p. 1.
[4] ĠU L 262, tal-21.10.1993, p. 4.

(10) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, żewġ produtturi f'Ħong Kong u l-awtoritajiet ta' Ħong Kong sostnew li, avolja l-bejgħ domestiku tagħhom tal-prodott simili ma kienx biżżejjed biex jippermetti paragun tajjeb, l-ammont għall-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi użati biex jiġi stabbilit valur normali kellhom ikunu bbażati fuq il-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi talkumpaniji kkonċernati, anke dawk relatati ma' bejgħ għall-esportazzjoni, aktar milli fuq dawk ta' produttur ieħor f'Ħong Kong. L-awtoritajiet ta' Ħong Kong ikkontestaw ukoll kemm hu raġonevoli l-livell ta' profitt użat biex jiġi stabbilit valur normali.

Ma kienx possibbli li wieħed isegwi l-approċ suġġerit għall-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi, peresss li l-Artikolu 2(3)(b) (ii) tar-Regolament bażiku jeħtieġ li dawn ikunu relatati ma' bejgħ domestiku u mhux ma' bejgħ għall-esportazzjoni.

L-investigazzjoni uriet li l-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi għall-produttur domestiku msemmija fir-Regolament proviżorju tad-dazju kienu jirreferu għall-bejgħ fl-istess qasam ta' kummerċ. Dawn, għalhekk, intużaw biex jiġi stabbilit il-valur normali għal produtturi oħra minn Ħong Kong.

Għar-rigward tal-livell tal-profitt ta' 10 % użat, wieħed għandu jinnota li dan kien il-livell allegat minn min ressaq l-ilment, u nstab li kien anqas minn dak li għamel il-produttur waħdu bil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat fissuq ta' ĦongKong, għalkemm bi kwantitajiet mhux rappreżentattivi.

(11) Il-produttur Korean argumenta li kellu jsir aġġustament għall-valur normali għal oġġetti promozzjonali li jingħataw lil ċerti klijenti, fuq l-argumenti li l-valur ta' din il-merkanzija kien jirrappreżenta skont, u għalhekk għandu jitnaqqas mill-prezz domestiku tal-prodott ikkonċernat.

Billi l-oġġetti in kwistjoni ma kinux 3,5″ microdisks, u ma kienx hemm prova li l-prezz tal-prodott ikkonċernat kien ikun differenti fin-nuqqas tal-merkanzija pubblikċitarja, l-ispejjeż minfuqa għandhom jitqiesu bħala spejjeż pubblikċitarji u mhux bħala skonti.

L-aġġustament pretiż, għalhekk, mhux permissibbli taħt id-dispożizzjonijiet ta'l-Artikolu 2(3)(a) tar-Regolament bażiku.

(12) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, id-deċiżjonijiet spjegati fil-premessi 13 u 14 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2. **Prezzijiet għall-esportazzjoni**

(13) Produttur wieħed minn Ħong Kong għamel il-bejgħ tiegħu lill-Komunità permezz tal-kumpanija prinċipali fil-Ġappun.

Fl-istadju proviżorju, fin-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti dwar il-prezz li bih il-kumpanija prinċipali tkun biegħet għall-esportazzjoni lill-KomunitÞ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-prezz ta'l-esportazzjoni għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz impost mill-produttur lill-kumpanija prinċipali.

Wara l-introduzzjoni tad-dazju proviżorju, il-produttur in kwistjoni ipprovda provi dwar il-prezz li bih il-kumpanija priniċpali biegħet għall-esportazzjoni lill-Komunità.

Il-prezz ta'l-esportazzjoni ġie aġġustat kif imiss.

(14) Ma ġewx ippreżentati aktar argumenti biex jiġi stabbilit il-prezz ta'l-esportazzjoni. Id-deċiżjonijiet spjegati fil-premessi 15 u 16 tar-Regolament proviżorju huma, għalhekk, ikkonfermati.

3. **Paragun**

(15) Produttur minn Ħong Kong argumenta li, billi l-bejgħ għall-esportazzjoni kien prinċipalment lil klijenti OEM, dan il-bejgħ ma jistax jitqabbel mal-bejgħ domestiku taħt l-isem tad-ditta tal-produttur, għaliex il-bejgħ OEM ikun bi prezz aktar baxx minħabba bejgħ anqas, spejjeż ġenerali u amministrattivi u profitt.

Wara eżami tal-bejgħ domestiku tal-produtturi minn Ħong Kong li kkoperaw, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-prezzijiet ma kinux funzjoni tal-kanal tal-bejgħ. Ebda tendenza ta' prezzijiet speċifiċi ma setgħet tiġi stabbilita u, għalhekk, l-aġġustament pretiż ma satax isir.

4. **Marġini tad-*dumping***

(16) Fuq il-bażi ta' modifiki li saru fuq il-kalkoli tal-valur normali u l-prezz għall- esportazzjoni, il-marġini definittivi tad-*dumping* ikkalkolati mill-Kummissjoni, espressi bħala perċentwal tal-valur cif, stabbilit skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1224/80 tat-28 ta' Mejju 1980 fuq il-valutazzjoni ta' merkanzija għall-finijiet tad-dwana [1], għal kull waħda mill-kumpaniji kkonċernati, huma kif ġej:

Hong kong:

Jackin Magnetic Company Ltd:	7,2,
Plantron (HK) Ltd:	6,7,
Technosource Industrial Ltd	13,3.

[1] ĠU L 134, tal-31.5.1980, p. 1.

Ta' min wieħed jinnota li Swire Magnetic Limited waqfu milli jipproduċu u jbiegħu t-3,5″ microdisks fl-ewwel kwart tas-sena 1994. Għalhekk deher li mhux meħtieġ li wieħed jistabbilixxi marġini individwali ta' *dumping* għal dan il-produttur.

Republic of Korea:

- SKC: 8,1.

(17) Safejn għandhom x'jaqsmu produtturi li ma kkoperawx, l-awtoritajiet ta' Ħong Kong sostnew li l-marġini tad-*dumping* li għandu jiġi applikat għal-Ħong Kong għandu jkun ibbażat fuq l-ogħla marġini stabbilit għal produtturi minn Ħong Kong li kkoperaw fl-investigazzjoni.

Il-Kummissjoni eżaminat din it-teżi u sostniet mill-ġdid dak li rriżultalha fil-premessa 23 tar-Regolament proviżorju li l-livell baxx ta' kooperazzjoni da parti tal-produtturi ta' Ħong Kong tirrendi mhux raġonevoli l-adozzjoni ta' din is-soluzzjoni, peress li l-marġini ta' *dumping* għal dawn l-esportaturi li kkoperaw mhux bażi affidabbli biex jiġi stmat il-livell ta' *dumping* fuq il-volum kbir ħafna ta' importazzjoni minn esportaturi li ma kkooperawx.

Il-Kummissjoni, madankollu, aġġustat il-marġini tad-*dumping* li għandu jiġi applikat fil-każ ta' produtturi li ma kkoperawx minn Ħong Kong għall-medja tal-marġini pożat għad-diversi tipi ta' prodotti li jinbiegħu għall-esportazzjoni lill-Komunità, kif allegat minn dak li ressaq l-ilment.

Id-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward, u dawk spjegati fil-premessa 22 tar-Regolament 22 rigward il-produtturi mir-Repubblika tal-Korea li ma kkoperawx, ġie kkonfermat. Il-marġini tad-*dumping* għal produtturi li ma kkooperawx fil-pajjiżi suġġetti għal din il-proċedura qed jiġi stabbilit kif ġej:

Hong kong:	27,4 %
Republic of Korea:	8,1 %

1. **L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ**

(18) Ebda argument ġdid ma ġie ppreżentat f'relazzjoni mad-definizzjoni ta'l-industrija tal-Komunità. Id-deċiżjonijiet spjegati fil-premessi minn 24 sa 29 tar-Regolament proviżorju huma, għalhekk, ikkonfermati.

1. **ĦSARA**

1. Il-kumulu ta'l-effetti ta'l-importazzjoni li hi oġġett ta' dumping.

(19) Peress li ebda argument ġdid ma ġie riċevut in konnessjoni mad-deċiżjonijiet fil-premessi mit-30 sa; 34 tar-Regolament proviżorju, dawn id-deċiżjonijiet huma kkonfermati.

2. Il-konsum Komunitarju, il-volum u s-sehem mis-suq ta'l-importazzjoni li hi oġġett ta' dumping.

(20) Billi ebda kumment ma ġie riċevut, id-deċiżjonijiet spjegati fil-premessi minn 35 sa 36 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3. Prezzijiet ta' importazzjoni li hi l-oġġett ta' dumping

(21) Fin-nuqqas ta' kummenti, id-deċiżjonijiet spjegati fil-premessa 37 u 14 tar-Regolament proviżorju ġiet ikkonfermata.

4. Sitwazzjoni ta'l-industrija Komunitarja

(22) Il-produttur Korean u l-awtoritajiet ta' Ħong Kong ikkontestaw l-idea espressa mill-Kummissjoni fil-premessa 39 tar-Regolament proviżorju, fuq il-bażi li awment ta' 2,5 % fis-sehem tas-suq tal-industrijaKomunitarja bejn l-1989 u l-perjodu ta'l-investigazzjoni għandu jwassal għall-konklużjoni li l-industrija Komunitarja attwalment operat aħjar mill-medja tas-suq.

Huwa korrett li l-volum tal-bejgħ ta'l-industrija Komunitarja żdied f'termini assoluti u li s-sehem limitat tagħha tas-suq kiber minn 9,8 % fl-1989 għal 12,3 % fil-perjodu ta'l-investigazzjoni. Dan, madankollu, ma jnaqqasx mill-fatt li l-prestazzjoni relattiva ta'l-industrija Komunitarja jista' jiġi stmat sewwa fid-dawl taċ-ċirkostanzi prevalenti fis-suq. Idealment dan għandu jkun suq ħieles minn tgħawwiġ, li żgur ma kienx il-każ fil-perjodu eżaminat. Importazzjoni li kienet l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u dak li ġara qabel ma ħallewx industrija relattivament żagħżugħa milli tikseb sehem mis-suq li raġonevolment setgħet kisbet fiż-żmien ta' tkabbir mgħaġġel fil-konsum.

Id-deċiżjonijiet spjegati fil-premessi 38,39 u 42 tar-Regolament proviżorju huma, għalhekk, ikkonfermati.

1. **KAWŻALITÀ**

(23) Ebda argument ġdid ma ġie ppreżentat rigward il-kawżalità tal-ħsara. Id-deċiżjonijiet tal-premessi minn 44 sa 50 tar-Regolament proviżorju huma, għalhekk, ikkonfermati.

1. **L-INTERESS KOMUNITARJU**

(24) Ebda argument ġdid ma ġie riċevut fir-rigward ta'l-interess Komunitarju.

Madankollu, fir-rigward ta'l-interessi ta'l-utenti u minkejja l-fatt li ebda rappreżentazzjoni ma saret fi kwalunkwe waqt matul il-proċedura minn konsumaturi finali ta' 3,5″ microdisks, il-Kummissjoni fittxet li tistabbilixxi b'ċertu grad ta' preċiżjoni mill-informazzjoni disponibbli għaliha jekk l-imposizzjoni ta' dazji ta' *anti-dumping* għandhiex ikollha impatt fuq l-utenti li jmur oltre r-restawrazzjoni ta' kummerċ imparzjali u bla tgħawwiġ.

In vista tan-nuqqas totali ta' involviment minn interessi ta' utenti f'din il-proċedura, ir-rimarki li ġejjin joħorġu minn sorsi ġenerali ta' informazzjoni fuq żviluppi fil-Komunità u fis-swieq mondjali fir-rigward ta' 3,5″ microdisks.

Fuq livell mondjali, id-domanda globali tkompli tikber, għalkemm, konformi mat-tul ta' żmien dejjem jikber bejn ir-rilaxx tal-pakketti l-ġodda (bħalissa, rilaxx kbir wieħed iseħħ bejn wieħed u ieħor kull tliet snin), tkabbir aktar bil-mod fis-settur tad-duplikazzjoni tas-*software* qed jeżerċita influwenza negattiva fuq ir-rata ta'l-awment. Wieħed jistenna li d-domanda għandha mnejn tonqos billi sistemi alternattivi għall-ħażna tad-*data* jiġu żviluppati.

Minn naħa tal-provvista, il-kapaċità eċċessiva tal-produzzjoni tkompli teżisti fuq livell mondjali. Dan irriżulta f'li l-prezzijiet komplew nilin fl-1993 u fl-ewwel xhur ta'l-1994.

Is-suq Komunitarju, naturalment, m'huwiex immuni għall-iskwilibriju bejn id-domanda u l-provvista mondjali. Il-prezzijiet fil-Komunità komplew niżlin, u bil-kompetizzjoni li teżisti kemm fis-swieq dinjija kif ukoll f'dawk Komunitarji, m'hemmx raġunijiet għala wieħed għandu jaħseb li l-interessi ta'l-utenti sa jintlaqtu ħażin bl-imposizzjoni ta'dazji definittivi ta' *anti-dumping* fil-proċedura preżenti.

Fattur ieħor li sa jtaffi kull pressjoni 'l fuq mhux ġustifikata fuq prezzijiet lil utenti li rriżultat minn dazji definittivi huwa li l-Komunità sa tkompli toqgħod fuq l-importazzjoni għaliex, minkejja l-awmenti reċenti fil-kapaċità tal-produzzjoni mill-Industrija Komunitarja, it-total tal-kapaċità eżistenti fil-Komunità huwa kapaċi jissodisfa biss madwar 70 % tad-domanda Komunitarja.

Il-konklużjoni li wieħed għandu jiġbed, għalhekk, hija li l-utenti ta' 3,5″ microdisks fil-Komunità aktarx mhux sa jġarrbu xi konsegwenzi negattivi sinifkanti bħala riżultat ta'l-introduzzjoni ta' dazji definittivi ta' *anti-dumping*, b'mod partikolari awmenti mhux ġustifikati fil-prezz.

Fid-dawl ta' dak li ngħad qabel, id-deċiżjonijiet spjegati fil-premessi minn 51 sa 56 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

1. **DAZJU**

(25) Ebda kumment ma ġie riċevut dwar il-metodoloġija adottata mill-Kumissjoni biex jiġu stabbiliti r-rati ta' dazju li għandhom jiġu applikati, kif spjegat fil-premessi minn 57 sa 60 tar-Regolament proviżorju.

Dawn huma għalhekk ikkonfermati, u billi l-massimi tal-ħsara stabbilita tiskorri l-marġini tad-*dumping* stabbiliti definittivament, għandhom jiġu imposti miżuri fil-livelli ta' dawn il-marġini ta' *dumping*.

1. **ĠBIR TAD-DAZJI PROVIŻORJI**

(26) In vista tal-marġini tad-*dumping* stabbiliti, il-ħsara kkawżata lill-industrija Komunitarja, u tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja ta' dan ta'l-aħħar, huwa meqjus neċessarju li ammonti żgurati permezz ta' dazju proviżorju ta' *anti-dumping* għall-kumpaniji kollha għandu jingħabar definittivament. Meta d-dazju proviżorju jiskorri r-rata tad-dazju definittivament impost, l-ammont miġbur m'għandux jiskorri dak tad-dazju definittiv ta' *anti-dumping*.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv ta' *anti-dumping* qiegħed b'hekk jiġi impost fuq l-importazzjoni ta' 3,5″ microdisks li jintużaw fir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni diġitali komputerizzata kodifikata, li taqa' taħt il-kodiċi MN ex 8523 20 90 (kodiċi Taric 8523 20 90* 10), u li joriġinaw minn Ħong Kong u mir-Repubblika tal-Korea.

1. r-rata applikabbli għall-prezz nett, imwassal ħieles sal fruntiera tal-Komunità, mhux rilaxxat mid-dwana, għandu jkun kif ġej:

(a) 27,4 % fir-rigward ta' prodotti speċifikati fil-paragrafu 1 li joriġinaw minn Ħong Kong (kodiċi addizzjonali Taric: 8772), bl-eċċezzjoni ta' importazzjoni li ġiet fabbrikata minn dawn il-kumpaniji, li għandhom ikunu suġġetti għar-rati tad-dazju msemmi hawn taħt:

— Jackin Magnetic Co. Ltd: 7,2 % (kodiċi addizzjonali Taric: 8775,

— Plantron (HK) Ltd: 6,7 % (kodiċi addizzjonali Taric: 8776),

— Technosource Industrial Ltd: 13,3 % (kodiċi addizzjonali Taric: 8778);

(b) 8,1 % fir-rigward tal-prodotti speċifikati fil-paragrafu 1 li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea.

3. d-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazju tad-dwana għandhom jgħoddu għall-imsemmi dazju.

Artikolu 2

1. L-ammonti marbuta permezz tad-dazju proviżorju ta' *anti-dumping* skond ir-Regolament (KEE) Nru 534/93 fir-rigward ta' of 3,5″ microdisks għandu jinġabar definittivament. Meta d-dazju proviżorju jiskorri r-rata tad-dazju definittivament impost, l-ammont miġbur m'għandux jiskorri dak tad-dazju definittiv.

2. Ammonti marbuta li jiskorru r-rata definittiva ta' dazju għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Settembru 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

Th. WAIGEL